3 ta' Marzu, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

**Antonio Bezzina et.** *versus* **Pasquale Agius et.**

## Lokazzjoni — Board tal-Qbejjel — Rilokazzjoni — Art. 4 tal-Government Notice 242/1943.

*Il-kondutttur ta' raba' li jirċievi interpellazzjoni b'ittra ufficjali biex joħroġ mir-raba' meta tispiċċa l-lokazzjoni, u ma jirrikorrix quddiem il-Board għat-Tiżżin tal-Qbejjel biex jirreżisti dik l-inter-*

*pettazzjoni, jitlef il-protezzjoni tal-liġi, u jiġi fitxab fil-fond bla titolu.*

*Xejn ma jiswa lil dak il-konduttur il-fatt li l-lokatur ikun aġixxa kontra tiegħu u ottjena l-kundanna tiegħu għall-ħlas tal-qbiela, jekk din tkun dovuta għal perijodu meta l-kondutttur kien jokkupa r-raba' b'titolu ta' lokazzjoni.*

*Lanqas jiswa lill-kondutttur il-fatt li hu jkun baqa' fil-pussess tar-raba'; għax, biex ikun hemm rilokazzjoni taċita, jeħtieġ li l-kondutttur ikun ġie "mħolli" fid-dgawdija tal-fond; b'mod però li jkun jidher li l-lokatur ried iġeddidlu l-lokazzjoni. Jekk iċ-ċitazzjoni għall-iżgumbrament tal-kondutttur issir fi żmien raġjonevoli wara l-iskadenza taż-żmien mogħti lill-kondutttur biex joħroġ mill-fond, ma jistax jingħad li kien hemm favur il-kondutttur rilokazzjoni taċita u rinunzja tad-dritt akkwistat mill-lokatur bil-fatt li l-kondutttur ma jkunx irreżista t-talba tal-lokatur quddiem il-Board tal-Qbejjel.*

Il-Qorti;

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u li jittieħdu l-provvedimenti meħtieġa; talbu li l-konvenuti jiġu kundannati li jiżgumbraw mir-razzett bir-raba' miegħu msejjaħ "ta' Poldu" kuntrada "ta' Wied il-Brolli", limiti ta' Birżebbuġa, li huma qegħdin jiddetjenu bla titolu. Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-4 ta' Frar 1954, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi b'ittra uffiċjali ta' l-4 ta' Frar 1954, (fol. 4) l-atturi nterpellaw lill-konvenuti biex fil-15 ta' Awissu 1954 jiżgumbraw mir-razzett u mir-raba' deskritt fiċ-ċitazzjoni;

Illi dina l-ittra uffiċjali saret u ġiet notifikata lill-konvenuti aktar minn tliet xhur qabel iż-żmien mogħti lill-konvenuti biex joħorġu mill-fond, iżda l-konvenuti naqsu li jmorru quddiem il-Board għat-Trażżin tal-Qbejjel biex jopponu t-talba tal-atturi, kif kien dmir tagħhom skond l-art.

4 tar-Regolamenti publikati b'Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 242 tal- 1943, u konsegwentement huma tilfu l-protezzjoni tal-liġi, u jinsabu fil-fond mingħajr titolu;

*Illi* xejn ma jiswa, kif *isostnu* l-*konvenuti fid-dikjarazzjoni* annessa man-nota tal-eċċezzjonijiet, illi f'kawża oħra fl-istess ismijiet, deċiża fid-29 ta' Mejju 1954, l-atturi talbu u ottenew il-kundanna tal-konvenuti għall-ħlas tal-qbiela; għaliex dawn il-qbiela jirrigwardaw l-okkupazzjoni mill-15 ta' Awissu 1951 sal-14 ta' Awissu 1953, meta l-konvenuti kienu għadhom *jiddetjenu l-fond b'titolu ta' lokazzjoni;*

Illi lanqas jiswa illi l-konvenuti għadhom fil-pussess tal-fond; għaliex, biex ikun hemm rilokazzjoni taċita, jeħtieġ li huma jiġu "mħollija" fid-dgawdija ta' dak il-fond, b'mod però li jidher li l-lokaturi riedu jġeddu dik il-lokazzjoni; mentri jirriżulta illi saħansitra fil-kawża fuq *riferita huma* żammew salva kull azzjoni għall-iżgumbrament, u wara l-imsemmija ittra uffiċjali pprezentaw l-odjerna ċitazzjoni fi żmien raġjonevoli wara l-iskadenza taż-żmien mogħti lill-konvenuti biex joħorġu. "La legge", jinnota Pacifici Mazzoni, "non determina quanto debba essere lungo il possesso per indurre la tacita riconduzione; ma è certo che qualche giorno di tolleranza non è efficace ad indurla; onde è che la Corte Suprema di Napoli dichiarò che la continuazione del possesso poteva avere una certa durata; la decisione è rimessa all'arbitrio del giudice, che terrà conto di tutte le circostanze" (Locazione, §203). Issa, il-Qorti, wara li ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi tal-każ, *hija tal-fehma illi* ż-żmien qabel ma ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni mhux biżżejjed biex jinduċi favur il-konvenuti r-rilokazzjoni taċita u r-rinunzja tad-drittijiet ġa kif fuq akkwistati mill-atturi;

Għal dawn il-motivi;

**Tilqa'** *t-talba tal-atturi*, **u** *tippreﬁġġi* **lill-konvenuti xahar** **mistax il-ġurnata żmien biex jiżgumbraw mill-fond. L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti.**

---